MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2010

Numru. 1301/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**Louis Ronayne**
**Salvino Ronayne**
**Kevin Portelli**

Kumpilazzjoni Nru: 1301/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

Louis Ronayne, ta' 24 sena, iben Edward u Modesta nee' Magro, imwieled Pieta' nhar l-20 ta' April, 1983, residenti

Flat 4, Qasam tal-Menhir, Blokk F, Kirkop u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 233383 (M)

Salvino Ronayne, ta’ 20 sena, iben Edward u Modesta nee’ Magro, imwieled Pieta’ , nhar it-30 ta’ Novembru, 1986, residenti, Golden Hawk, Triq Likama, Marsaskala

Kevin Portelli, ta’ 30 sena, iben John u Rita nee’ Silvio, iwmieled Pieta’ nhar it-2 ta’ Awissu, 1977, u residenti 264, Triq Haz-Zabbar, Fgura, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 371477 (M).

Akkuzati talli fil-perjodu ta’ bejn it-30 ta’ Settembru, 2007 u gimghat qabel din id-data, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-isess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda u cioe’;
1. Talli f’Wied il-Ghajn, mill-lok maghruf bhala ‘Ir-Razzett tal-Hbiberija’, ikkommettew serq ta’ annimali diversi liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta’ d-dirigenti tar-Razzett tal-Hbiberija u/jew persuni ohra;
2. U aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien, f’diversi bnadi il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun biex ibieghhuhom jew imexxuhom.
3. U aktar talli fl-istess zmienijiet, hinijiet, u cirkostanzi fl-inhawi ta’ Wied il-Ghajn, bhala l-persuni li zammew jew qablu li jzommu xi animali gieghlu lil l-istess animal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikoli 8 (2) u 8 (3) tal-Att 25 ta’ l-2001 Dwar il-Harsien ta’ l-Annimali.
4. U aktar talli fl-istess zmienijiet, hinijiet u cirkostanzi, fir-Razzett tal-Hbiberija f’Qied il-Ghajn, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltin izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin, ghad-dannu ta’ d-dirigenti tal-istess kumpless u/jew persuni ohra:

Lil Louis Ronayne wahdu akkuzat talli;

1. Ikkometta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi, datati 23 ta' Gunju, 2005 u 26 ta' April, 2006, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
2. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal- artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Salvino Ronayne wahdu akkuzat ukoll talli:
1. Kiser il-provediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 17 ta' Jannar, 2007 fejn kien gie misjub hati ta' reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sittax-il xahar.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif hawn spjegat:

Lil **Louis Ronayne** ai termini ta'l-artikoli:
a) 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279, 280(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 18 u 325(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) 17, 23, 23B, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil **Salvino Ronayne** ai termini ta'l-artikoli:
a) 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279, 280(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 18 u 325(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) 17, 23, 23B, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil **Kevin Portelli** ai termini ta'l-artikoli:
a) 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279, 280(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 18 u 325(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 17, 23, 23B, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrizultaw kjarament minn ezami ta'l-atti. F'l-ahhar granet ta' Settembru 2007 l-imputati Louis Ronayne u Salvino Ronayne dahlu ir-Razzett tal-Hbieberija u minn hemm serqu xadina, wara xi jumejn regghu marru u din id-darba serqu cerva zghira. Din ic-cerva bieghuha lill-imputat l-iehor Kevin Portelli li stqarr li kien jaf li c-cerva kienet misruqa. Wara xi jumejn ohra cioe fil-lejl bejn it-30 ta' Settembru 2007 u l-1 ta' Ottubru 2007 it-tlett imputati flimkien marru r-Razzett tal-Hbiberija u minn hemm serqu numru ta' annimali (u li huma elenkati fid-depozizzjoni ta' Mark Sultana). Il-valur tax-xadina u cerva misruqa miz-zewg ahwa Ronayne wahedhom huwa ta' €1397.62 (ekwivalenti ghal Lm600) fil-waqt li l-valur ta'l-annimali misruqa mit-tlett imputati flimkien huwa ta' €1444.21 (ekwivalenti ghal Lm620). Il-valur tac-cerva ricettata minn Portelli hija ta' €465.87.

Illi biex huma dahlu fil-post ikkawzaw hsara li giet stmata li tiswa €193.34 (ekwivalenti ghal Lm83). In oltre jirrizulta li f'din l-okkazzjoni meta t-tlett imputati kienu flimkien huma pruvaw jisierqu cerva ohra u fit-tentattivi taghhom biex jiehduha, din ic-cerva inqatlet. Il-valur ta' din ic-cerva

huwa ta’ €931,75 (ekwivalenti ghal Lm400) ghalhekk l-hsara sofferta mir-Razzett tal-Hbieberija hija ta’ €1125.09.

Illi l-fatti kollha attribwibbli lil kull wiehed mill-imputati jirrizultaw mill-istqarrija ta’ kull wiehed minnhom; dawn il-fatti fir-realta mhux kontestati .

Illi mill-atti jirrizulta ukoll li Louis Ronayne, wara li nstab hati ta’ serq aggravat, gie kundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal tlett snin permezz ta’ sentenza datata 23 ta’ Gunju 2005 hekk kif jirrizulta li l-istess Louis Ronayne fis-26 ta’ April 2006 nstab hati ta’ korruzzjoni ta’ minorenni u gie ikkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal erbgha snin.

Illi da parti tieghu Salvino Ronayne instab hati ta’ pussess ta’ cannabis meta kien ghad kellu 16 il-sena u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sittax il-xahar, dan permezz ta’ sentenza datata 7 ta’ Jannar 2007.

Illi konsegwentement:

- Fil-konfront ta’ Louis Ronayne jirrizultaw pruvati r-reati kollha indikati fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’ l-Avukat Generali hlif ghal dik indikata fil-paragrafu (b) u cioe l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta’ serq b’dan li l-valur ta’ l-oggetti ossia annimali misruqa minnu jammonta ghal €2841.83.
- Fil-konfornt ta’ Salvino Ronayne jirrizultaw pruvati r-reati kollha indikati fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’ l-Avukat Generali hlif ghal dik indikata fil-paragrafu (b) u cioe l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta’ serq b’dan li l-valur ta’ l-oggetti ossia annimali misruqa minnu jammonta ghal €2841.83.
- Fil-konfront ta’ Kevin Portelli jirrizultaw pruvati r-reati kollha indikati fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’ l-Avukat Generali b’dan li l-valur ta’ l-oggetti ossia annimali misruqa minnu jammonta ghal €1444.21 u l-valura ta’l-oggett, ossia annimal (ic-cerva), minnu ricettat jammonta ghal €465.87.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni apparti min-natura tar-reati in kwistjoni u l-effett li seta' kellhom dawn ir-reati fuq il-persuni li juzufruwixxu mis-servizzi li jipprovdi r-Razzett ta' Hbiberija; fatturi li huma differenti fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati.

Illi dwar Louis Ronayne l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu li minnha jirrizulta li minkejja l-opportunitajiet li nghatawlu mill-Qorti biex jirriabilita ruhu anke permezz ta' ordni ta' supervizjoni huwa xorta baqa  fit-triq li kien qabad u ma jidhirx li huwa qed jaghmel xi sforz kwalunkwe biex jirriforma. Tenut kont ta' dan u tenut kont ta' dak li xehdet l-probation officer inkarigata mis-sorveljanza tieghu l-Qorti hija tal-fehma li l-unika triq li tista tiehu hija dik li timponi piena karcerarja effettiva ghar-reati odjerni u li ddahhal fis-sehh is-sentenzi ta' prigunerija sospieza (fuq imsemmija) li nghataw fil-konfront tieghu.

Illi fil-konfront ta' Salvino Ronayne s-sitwazzjoni hija differenti.  Il-fedina penali tieghu mhiex netta u jirrizulta mill-atti li minbarra z-zewg okkazzjonijiet ta' sejbien ta' htija indikati fil-fedina penali esebieta huwa gie misjub hati darba ohra tant li qed jiskonta piena ta' habs. Minn dak li xehdu il-psikoterapista Charles Cassar u l-persuna inkarigata mill-YOURS Joanna Battistino jidher li f'dan il-perjodu ta' inkarcerazzjoni Salvino Ronanye ghamel passi kbar 'l quddiem. Jidher li Salvino Ronayne ser jigi rilaxxat fil-gimghat li gejjin u li huwa issa riabilitat u lest li jirrientegra ruhu is-socjeta tant li qieghed fuq prison leave. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija disposta taghti opportunita lil Salvino Ronayne li jkompli fit-triq tar-riabilitazzjoni anke barra mill-habs. Ghalhekk fil-konfront tieghu l-Qorti qed taghzel li ma titrattax mieghu ghar-reat li tieghu gie misjuba hati fis-17 ta' Jannr 2007 u nghata liberta kundizzjonata u ghar-reati odjerni ser tpoggih taht ordni ta' probation ghall-perjodu massimu permess mill-Ligi taht numru ta' kundizzjonijiet inkluz dak li jhallas sehmu mid-danni kkawzati u li jkompli l-kura psikoterapewtika u/jew dik il-kura l-ohra kollha li tigi indikata lilu mill-probation officer.

Illi fil-konfront ta’ Kevin Portelli ukoll hemm konsiderazzjonijiet differenti. Mis-social inquiry report li sar dwar dan l-imputat ma jidhirx li huwa kellu il-problemi li kellhom z-zewg imputati l-ohra fit-trobbija tieghu u fil-hajja familjari; huwa ghandu xoghol stabbli u huwa ghaxar (u sitt) snin akbar mill-imputati l-ohra u suppost aktar matur minnhom; l-unika problemi li jidher lil ghandu hija dik tax-xorb li ghaliha diga beda jiehu l-kura. F’dawn ic-cirkostanzi assolutament xejn ma jiggustifika l-agir tieghu f’l-episodji mertu ta’ dawn il-proceduri. Min-naha l-ohra l-fedina penali tieghu ghalkemm mhiex netta pero lanqas m’hi allarmanti izzejjed. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija disposta taghti opportunita lil Portelli li jirrimedja ghal dak li huwa ghamel minghajr ma jiskonta piena karcerarja effettiva bil-kundizzjoni li huwa jhallas sehmu mid-danni ikkawzati lir-Razzett tal-Hbieberija u dan b’mod li jekk huwa ma joqghodx ghal dawn il-kundizzjonijiet ikollu mill-ewwel jiskonta perjodu ta’ prigunerija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta, 18 u 325(1)(b) tal-Ligijiet ta’ Malta, 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li tiddikjara li t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Louis Ronayne** hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta’ serq u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha, issiebu hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija u multa ta’ elf Euro (€1,000) li ghandha tithallas fi zmien sena. Il-Qorti, fil-waqt li tirreferi ghas-sentenza datata 23 ta’ Gunju 2005, b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 qed iddahhal fis-sehh il-perjodu ta’ sentejn prigunerija imposti permezz ta’ dik is-sentenza; in oltre fil-waqt li tirreferi ukoll ghas-sentenza datata 26 ta’ April 2006, b’applikazzjoni ta’l-istess artikolu 28B tal-Kapitolu 9 qed idahhal fis-sehh il-perjodu ta’ sentejn prigunerija imposti permezz ta’ din is-sentenza ukoll. In konkluzzjoni

l-imputat Louis Ronayne qed jigi kkundannat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €206.88 rapprezentanti terz mill-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti; dan l-ammont ghandu jithallas fi zmien sitt xhur.

Wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, 18 u 325(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta, u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li tiddikjara li t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Salvino Ronayne** hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta' serq u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha, issiebu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li jhallas s-somma ta' €1322.10 lir-Razzett tal-Hbiberija fi zmien sentejn . In oltre l-imputat Salvino Ronanyne qed jigi kkundannat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €206.88 rapprezentanti terz mill-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti; dan l-ammont ghandu jithallas fi zmien sitt xhur.

Wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, u 18 u 325(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Kevin Portelli** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigi sospieza ghal perjodu ta' tlett (3) snin u multa ta' elf Euro (€1000) li ghandha tithallas fi zmien sena. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 l-imputat Kevin Portelli qed jigi ikkundannat biex fi zmien tlett xhur ihallas is-somma ta' €1322.10 lir-Razzett tal-Hbiberija. Portelli qed jigi kkundannat ihallas ukoll is-somma ta' €206.88 lir-Registratur ta' din l-Qorti rapprezentanti terz ta'l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt xhur.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputati Salvino Ronayne u Kevin Portelli r-responsabbilta taghhom u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fil-perjodi ta’ tlett snin u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilhom mghotija,

Il-Qorti tordna in-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-Ufficcju tal-Probation biex jigi appuntant ufficjal ghas-sorveljanza ta’l-imputat Salvino Ronayne.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------